Rakkomandazzjonijiet

# Rakkomandazzjonijiet 02/2020 dwar il-Garanziji Essenzjali Ewropej għal miżuri ta’ sorveljanza

## Adottati fl-10 ta’ Novembru 2020

# Werrej

1. INTRODUZZJONI ..... 4

2. INĠERENZA FID-DRITTIJIET FUNDAMENTALI ..... 6

3. IL-GARANZIJI ESSENZJALI EWROPEJ ..... 8

Garanzija A - L-ipproċessar għandu jkun ibbażat fuq regoli ċari, preċiżi u aċċessibbli ..... 8

Garanzija B - In-neċessità u l-proporzjonalità fir-rigward tal-għanijiet leġittimi segwiti li għandhom jintwerew ..... 10

Garanzija C - Mekkaniżmu ta' sorveljanza indipendenti ..... 12

Garanzija D - Rimedji effettivi jeħtieġ li jkunu disponibbli għall-individwu ..... 13

4. RIMARKI FINALI ..... 15

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70 (1) (e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem il-"GDPR"),[1]

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018[2],

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-ġustifikazzjoni ta' inġerenzi fid-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* permezz ta' miżuri ta' sorveljanza meta tiġi trasferita *data* personali (Garanziji Essenzjali Ewropej minn hawn 'il quddiem l-"EEG"), WP237,

**ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONIJIET LI ĠEJJIN:**

# 1. INTRODUZZJONI

1. Wara s-sentenza ta' Schrems I, l-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-*Data* tal-UE miġbura fil-Grupp ta' Ħidma 29 abbozzaw il-ġurisprudenza biex jidentifikaw il-Garanziji Essenzjali Ewropej, li jeħtieġ li jiġu rispettati biex jiġi żgurat li inġerenzi fid-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali, permezz ta' miżuri ta' sorveljanza, meta tiġi trasferita *data* personali, ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ u proporzjonat f'soċjetà demokratika.

2. L-EDPB jixtieq jenfasizza li l-Garanziji Essenzjali Ewropej huma bbażati fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: QĠUE) relatata mal-Artikoli 7, 8, 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (minn hawn 'il quddiem: il-Karta) u, skont il-każ, fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn hawn 'il quddiem: il-QEDB) relatata mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (minn hawn 'il quddiem: il-KEDB) li jindirizza kwistjonijiet ta' sorveljanza fi Stati li huma parti mill-KEDB.[3]

---

[1] Dan id-dokument ma jindirizzax sitwazzjonijiet ta' trasferimenti jew ta' kondiviżjoni ulterjuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi (id-Direttiva (UE) 2016/680).

[2] Referenzi għall-"Istati Membri" li jsiru f'dan id-dokument għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-"Istati Membri taż-ŻEE".

[3] F'dawn ir-Rakkomandazzjonijiet, it-terminu "drittijiet fundamentali" huwa derivat mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, dan jintuża biex ikopri wkoll id-"drittijiet tal-bniedem" kif inklużi fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

3. L-aġġornament ta’ dan id-dokument għandu l-għan li jkompli jiżviluppa l-Garanziji Essenzjali Ewropej, oriġinarjament abbozzati bi tweġiba għas-sentenza ta’ Schrems I[4] billi jirrifletti l-kjarifiki pprovduti mill-QĠUE (u mill-QEDB) minn meta ġiet ippubblikata għall-ewwel darba, b’mod partikolari fis-sentenza tal-bidu tagħha ta’ Schrems II.[5]

4. Fis-sentenza tagħha ta’ Schrems II, il-QĠUE ddikjarat li l-eżaminazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/87/UE dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta’ *data* personali għall-proċessuri stabbiliti f’pajjiżi terzi, fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta, ma żvelat xejn biex tiġi affettwata l-validità ta’ dik id-deċiżjoni, iżda invalidat id-Deċiżjoni dwar it-Tarka tal-Privatezza. Il-QĠUE ddeċidiet li d-Deċiżjoni dwar it-Tarka tal-Privatezza kienet inkompatibbli mal-Artikolu 45(1) tal-GDPR, fid-dawl tal-Artikoli 7, 8, u 47 tal-Karta. Għaldaqstant, is-sentenza tista’ sservi bħala eżempju fejn il-miżuri ta’ sorveljanza f’pajjiż terz (f’dan il-każ l-Istati Uniti bit-Taqsima 702 tal-FISA u l-Ordni Eżekuttiva 12 333) la huma limitati biżżejjed u lanqas mhuma oġġett ta’ rimedju effettiv disponibbli għas-suġġetti tad-*data* biex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom, kif meħtieġ skont il-liġi tal-UE sabiex il-livell ta’ protezzjoni f’pajjiż terz jiġi kkunsidrat bħala “essenzjalment ekwivalenti” għal dak garantit fi ħdan l-Unjoni Ewropea fis-sens tal-Artikolu 45 (1) tal-GDPR.

5. Ir-raġunijiet għall-invalidità tat-Tarka tal-Privatezza għandhom ukoll konsegwenzi fuq għodod oħra ta’ trasferiment[6]. Anki jekk il-Qorti interpretat l-Artikolu 46(1) tal-GDPR fil-kuntest tal-validità tal-Klawżoli Kuntrattwali Standard (minn hawn ’il quddiem: SCCs), l-interpretazzjoni tiegħu tapplika għal kwalunkwe trasferiment lejn pajjiżi terzi li jiddependi fuq kwalunkwe għodda msemmija fl-Artikolu 46 tal-GDPR.[7]

6. Fl-aħħar mill-aħħar hija l-QĠUE li tiġġudika jekk jistgħux jiġu ġġustifikati l-inġerenzi fi dritt fundamentali. Madankollu, fin-nuqqas ta’ tali sentenza u fl-applikazzjoni tal-ġurisprudenza permanenti, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* huma meħtieġa jivvalutaw każijiet individwali, jew ex officio jew wara ilment, u jirreferu l-każ lil Qorti nazzjonali jekk jissuspettaw li t-trasferiment ma jikkonformax mal-Artikolu 45 fejn ikun hemm deċiżjoni ta’ adegwatezza, jew jissospendu jew jipprojbixxu t-trasferiment jekk isibu li m’hemmx konformità mal-Artikolu 46 tal-GDPR u l-protezzjoni tad-*data* trasferita meħtieġa mil-liġi tal-UE ma tistax tiġi żgurata b’mezzi oħra.

7. L-għan tal-Garanziji Essenzjali Ewropej aġġornati huwa li jiġu pprovduti elementi biex jiġi eżaminat, jekk miżuri ta’ sorveljanza li jippermettu aċċess għal *data* personali minn awtoritajiet pubbliċi f’pajjiż terz, li jkunu aġenziji tas-sigurtà nazzjonali jew awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, jistgħux jitqiesu bħala inġerenza ġustifikabbli jew le.

8. Tabilħaqq, il-Garanziji Essenzjali Ewropej jiffurmaw parti mill-valutazzjoni li għandha titwettaq sabiex jiġi ddeterminat jekk pajjiż terz jipprovdix livell ta’ protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak garantit fl-UE imma waħedhom ma għandhomx l-għan li jiddefinixxu l-elementi kollha meħtieġa biex jiġi kkunsidrat jekk pajjiż terz jipprovdix dan il-livell ta’ protezzjoni skont l-Artikolu 45 tal-GDPR. Bl-istess

[4] Is-sentenza tal-QĠUE tas-6 ta’ Ottubru 2015, Maximillian Schrems v Data Protection Commissioner, il-Kawża C-362/14, UE:C:2015:650 (minn hawn ’il quddiem: Schrems I).

[5] Is-sentenza tal-QĠUE tas-16 ta’ Lulju 2020, Data Protection Commissioner v Facebook Ireland Ltd, Maximillian Schrems, il-kawża C-311/18, ECLI:EU:C:2020:559 (minn hawn ’il quddiem: Schrems II).

[6] Ara l-§105 ta’ Schrems II.

[7] Ara l-§92 ta’ Schrems II.

mod, waħedhom ma għandhomx l-għan li jiddefinixxu l-elementi kollha li jistgħu jkunu meħtieġa għall-konsiderazzjoni meta jiġi vvalutat jekk ir-reġim legali ta' pajjiż terz jimpedixxix lill-esportatur tad-*data* u l-importatur tad-*data* milli jiżguraw is-salvagwardji xierqa skont l-Artikolu 46 tal-GDPR.

9. Għaldaqstant, l-elementi pprovduti f'dan id-dokument għandhom jitqiesu bħala l-garanziji essenzjali li jistgħu jinstabu fil-pajjiż terz meta tkun qed tiġi vvalutata l-inġerenza, li tirriżulta mill-miżuri ta' sorveljanza ta' pajjiż terz, fid-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, aktar milli lista ta' elementi biex juru li r-reġim legali ta' pajjiż terz b'mod ġenerali qed jipprovdi livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti.

10. L-Artikolu 6(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi li d-drittijiet fundamentali minquxa fil-KEDB jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, kif tfakkar il-QĠUE fil-ġurisprudenza tagħha, din tal-aħħar ma tikkostitwixxix strument legali li jkun ġie inkorporat b'mod formali fid-dritt tal-Unjoni, sakemm l-Unjoni Ewropea ma tkunx aderixxiet magħha.[8] Għaldaqstant, il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali meħtieġ mill-Artikolu 46(1) tal-GDPR irid jiġi ddeterminat abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, li jinqraw fid-dawl tad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta. Madankollu, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, id-drittijiet li jinsabu fiha li jikkorrispondu għad-drittijiet garantiti mill-KEDB għandu jkollhom l-istess tifsira u kamp ta' applikazzjoni bħal dawk stabbiliti minn dik il-Konvenzjoni, u konsegwentement, kif imfakkar mill-QĠUE, il-ġurisprudenza tal-QEDB dwar id-drittijiet li huma previsti wkoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE trid tiġi kkunsidrata, bħala limitu minimu ta' protezzjoni biex jiġu interpretati d-drittijiet korrispondenti fil-Karta[9]. Madankollu, skont l-aħħar sentenza tal-Artikolu 52(3) tal-Karta, "[d]in id-dispożizzjoni ma żżommx lil-liġi tal-Unjoni milli jipprevedi protezzjoni aktar estensiva."

11. Għaldaqstant, is-sustanza tal-Garanziji Essenzjali għandha tkompli tkun parzjalment ibbażata fuq il-ġurisprudenza tal-QEDB, sal-punt li l-Karta kif interpretata mill-QĠUE ma tipprovdix livell ogħla ta' protezzjoni li jippreskrivi rekwiżiti oħra mill-ġurisprudenza tal-QEDB.

12. Dan id-dokument jispjega l-isfond u jagħti aktar dettalji dwar l-erba' Garanziji Essenzjali Ewropej.

## 2. INĠERENZA FID-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

13. Id-drittijiet fundamentali fir-rigward tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, inklużi l-komunikazzjonijiet, u għall-protezzjoni tad-*data* personali huma stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta u japplikaw għal kulħadd. Barra minn hekk, l-Artikolu 8 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex l-ipproċessar tad-*data* personali jkun legali u jirrikonoxxi d-dritt ta' aċċess u rettifika, kif ukoll jimponi li dawn ir-regoli jkunu soġġetti għall-kontroll ta' awtorità indipendenti.

[8] Ara l-§ 98 ta' Schrems II.

[9] Ara l-§ 124 tal-kawżi magħquda C-511/18, C-512/18 u C-520/18, La Quadrature du Net u oħrajn (minn hawn 'il quddiem: La Quadrature du Net u oħrajn).

14. "(L)-operazzjoni tat-trasferiment ta' *data* personali minn Stat Membru għal pajjiż terz tikkostitwixxi, fiha nnifisha, l-ipproċessar ta' *data* personali"[10]. Għaldaqstant, l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta japplikaw għal din l-operazzjoni speċifika u l-protezzjoni tagħhom testendi għad-*data* trasferita, u huwa għalhekk li s-suġġetti tad-*data* li d-*data* personali tagħhom tiġi trasferita lejn pajjiż terz iridu jingħataw livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak li huwa garantit fl-Unjoni Ewropea.[11]

15. Skont il-QĠUE, meta d-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata minqux fl-Artikolu 7 tal-Karta jiġi affettwat, permezz tal-ipproċessar tad-*data* personali ta' individwu, id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* jiġi wkoll affettwat, billi tali proċessar jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Karta, u, għaldaqstant, irid neċessarjament jissodisfa r-rekwiżit tal-protezzjoni tad-*data* stabbilit f'dan l-artikolu.[12]

16. Għaldaqstant, fir-rigward tal-inġerenza possibbli fid-drittijiet fundamentali taħt id-dritt tal-Unjoni, l-obbligu impost fuq il-fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (...) li jżommu *data* tat-traffiku għall-iskop li jagħmluha disponibbli, jekk meħtieġ, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, iqajjem kwistjonijiet relatati mal-kompatibbiltà mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta[13].. L-istess japplika għal tipi oħra ta' ppročessar ta' *data*, bħat-trażmissjoni ta' *data* lil persuni għajr l-utenti jew l-aċċess għal dik id-*data* bil-għan li jsir l-użu tagħha[14], li, għaldaqstant, jinvolvi inġerenza fid-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, l-aċċess għad-*data* minn awtorità pubblika jikkostitwixxi inġerenza oħra, skont il-ġurisprudenza stabbilita.[15]

17. Sabiex tinstab inġerenza, ma jimportax "jekk l-informazzjoni kkonċernata relatata mal-ħajja privata hijiex ta' natura sensittiva jew le jew jekk il-persuni kkonċernati jkunux batew inkonvenjenzi eventwali jew le minħabba din l-inġerenza[16]". Il-QĠUE enfasizzat ukoll li huwa irrilevanti jekk id-*data* miżmuma sussegwentement intużatx jew le.[17]

18. Madankollu, l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta mhumiex drittijiet assoluti, iżda jridu jiġu kkunsidrati fir-rigward tal-funzjoni tagħhom fis-soċjetà.[18]

19. Il-Karta tinkludi test tan-neċessità u tal-proporzjonalità biex tfassal limitazzjonijiet għad-drittijiet li tipproteġi. L-Artikolu 52(1) tal-Karta jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-limitazzjonijiet possibbli għall-Artikoli 7 u 8 billi jiddikjara li " kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn".

---

[10] QĠUE, Schrems II, l-§ 83.
[11] QĠUE, Schrems II, l-§ 96.
[12] QĠUE, Schrems II, l-§§ 170-171.
[13] QĠUE, il-kawża C-623/17, Privacy International (minn hawn 'il quddiem: Privacy International), l-§ 60.
[14] QĠUE, Privacy International, l-§ 61.
[15] QEDB, Leander, l-§ 48; QEDB, Rotaru l-§ 46; QĠUE, Digital Rights Ireland, l-§ 35.
[16] QĠUE, Schrems II, l-§ 171, inkluża l-ġurisprudenza ċitata.
[17] QĠUE, Schrems II, l-§171, inkluża l-ġurisprudenza ċitata.
[18] QĠUE, Privacy International, l-§ 63.

20. Il-QĠUE tenniet li l-leġiżlazzjoni tal-UE li tinvolvi inġerenza fid-drittijiet fundamentali garantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta "għandha tipprevedi regoli ċari u preċiżi li jirregolaw il-portata u l-applikazzjoni tal-miżura u li jimponu minimu ta' rekwiżiti, b'tali mod li l-persuni li d-*data* personali tagħhom tkun affettwata, ikollhom garanziji suffiċjenti li d-*data* se tiġi protetta effikaċjement kontra r-riskji ta' abbuż", b'mod partikolari fejn id-*data* personali tiġi soġġetta għal ipproċessar awtomatiku u "meta jeżisti riskju kbir ta' aċċess illegali għal din id-*data*".[19]

21. Skont il-QĠUE, il-protezzjoni tad-dritt għall-privatezza tirrikjedi li d-derogi għad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* u r-restrizzjonijiet fuqu "għandhom isiru fil-limiti tal-minimu neċessarju". Barra minn hekk, għan ġenerali jrid jiġi rikonċiljat mad-drittijiet fundamentali affettwati mill-miżura, "bl-ibbilanċjar xieraq" ta' tali għan mad-drittijiet inkwistjoni.[20]

22. Konsegwentement, l-aċċess, iż-żamma u l-użu ulterjuri ta' *data* personali mill-awtoritajiet pubbliċi fil-mandat tal-miżuri ta' sorveljanza ma jridux jeċċedu l-limiti ta' dak li huwa strettament meħtieġ, ivvalutati fid-dawl tal-Karta, inkella "ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala ġustifikati, fi ħdan soċjetà demokratika".[21]

23. L-erba' Garanziji Essenzjali Ewropej, kif żviluppati fil-kapitolu li jmiss, għandhom l-intenzjoni li jispeċifikaw aktar kif jiġi vvalutat il-livell ta' inġerenza fid-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* fil-kuntest tal-miżuri ta' sorveljanza mill-awtoritajiet pubbliċi f'pajjiż terz, meta tiġi trasferita *data* personali, u liema rekwiżiti legali għandhom konsegwentement japplikaw sabiex jiġi evalwat jekk tali inġerenza tkunx aċċettabbli taħt il-Karta.

# 3. IL-GARANZIJI ESSENZJALI EWROPEJ

24. Wara l-analiżi tal-ġurisprudenza, l-EDPB jikkunsidra li r-rekwiżiti legali applikabbli biex il-limitazzjonijiet għad-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* u tal-privatezza rikonoxxuti mill-Karta jkunu ġustifikabbli, jistgħu jinġabru fil-qosor f'erba' Garanziji Essenzjali Ewropej:

A. L-ipproċessar għandu jkun ibbażat fuq regoli ċari, preċiżi u aċċessibbli
B. In-neċessità u l-proporzjonalità fir-rigward tal-għanijiet leġittimi segwiti jridu jintwerew
C. Għandu jeżisti mekkaniżmu ta' sorveljanza indipendenti
D. Ir-rimedji effettivi għandhom ikunu disponibbli għall-individwu

25. Il-Garanziji huma bbażati fuq id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* li japplikaw għal kulħadd, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom.

## Garanzija A - L-ipproċessar għandu jkun ibbażat fuq regoli ċari, preċiżi u aċċessibbli

26. Skont l-Artikolu 8(2) tal-Karta, id-*data* personali għandha, inter alia, tiġi pproċessata "għal finijiet determinati u abbażi tal-kunsens tal-persuna kkonċernata jew fuq bażi oħra leġittima stabbilita mil-liġi",[22] kif fakkret il-QĠUE fid-deċiżjoni ta' Schrems II. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta,

[19] QĠUE, Privacy International, l-§68 u l-ġurisprudenza msemmija fiha.
[20] QĠUE, Privacy International, l-§68 u l-ġurisprudenza msemmija fiha.
[21] QĠUE, Privacy International, l-§ 81.
[22] Ara l-§ 173 Schrems II.

kwalunkwe limitazzjoni fuq l-eżerċitar tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti mill-Karta trid tiġi pprovduta mil-liġi. Għaldaqstant, inġerenza ġustifikabbli jeħtieġ li tkun konformi mal-liġi.

27. Din il-bażi legali għandha tistabbilixxi regoli ċari u preċiżi li jirregolaw il-portata u l-applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni u li jimponu minimu ta' rekwiżiti[23]. Barra minn hekk, il-Qorti fakkret li "il-leġiżlazzjoni trid tkun legalment vinkolanti taħt il-liġi domestika"[24]. F'dan ir-rigward, il-QĠUE ċċarat li l-valutazzjoni tal-liġi applikabbli tal-pajjiż terz għandha tiffoka fuq jekk tistax tiġi invokata din il-liġi u jiddependu fuqha individwi quddiem qorti[25]. Għaldaqstant, il-Qorti tindika li d-drittijiet mogħtija lis-suġġetti tad-*data* għandhom ikunu azzjonabbli; fejn l-individwi ma jingħatawx drittijiet infurzabbli kontra l-awtoritajiet pubbliċi, il-livell ta' protezzjoni mogħtija ma jistax jiġi kkunsidrat bħala essenzjalment ekwivalenti għal dak li jirriżulta mill-Karta, kuntrarjament għar-rekwiżit fl-Artikolu 45(2)(a) tal-GDPR.[26]

28. Barra minn hekk, il-Qorti enfasizzat li l-liġi applikabbli trid tindika f'liema ċirkostanzi u taħt liema kundizzjonijiet tista' tiġi adottata miżura li tipprevedi għall-ipproċessar ta' tali *data*[27] (ara infra taħt il-Garanzija B ir-relazzjoni bejn dawn ir-rekwiżiti u l-prinċipji ta' neċessità u ta' proporzjonalità).

29. Barra minn hekk, il-QĠUE indikat ukoll li "r-rekwiżit li kull limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali għandha tkun prevista mil-liġi jimplika li l-bażi legali li tippermetti l-indħil f'dawn id-drittijiet għandha tiddefinixxi hija stess il-portata tal-limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-dritt ikkonċernat".[28]

30. Finalment, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem "ma tikkunsidrax li hemm ebda raġuni biex jiġu applikati prinċipji differenti li jkopru l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza tar-regoli li jirregolaw l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet individwali, fuq naħa waħda, u programmi aktar ġenerali ta' sorveljanza"[29]. Il-QEDB ukoll iċċarat li l-bażi legali għandha tinkludi tal-anqas definizzjoni tal-kategoriji ta' persuni li jistgħu jkunu suġġetti għal sorveljanza, limitu fuq it-tul tal-miżura, il-proċedura li għandha tiġi segwita għall-eżaminazzjoni, l-użu u l-ħżin tad-*data* miksuba, u l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu meta tiġi kkomunikata d-*data* lil partijiet oħra.[30]

31. Fl-aħħar nett, l-inġerenza trid tkun prevedibbli fir-rigward tal-effett tagħha fuq l-individwu sabiex jingħata l-protezzjoni adegwata u effettiva kontra l-inġerenza arbitrarja u r-riskju ta' abbuż. Bħala riżultat, l-ipproċessar irid ikun ibbażat fuq bażi legali preċiża, ċara iżda wkoll aċċessibbli (jiġifieri pubblika)[31]. Fir-rigward ta' din il-kwistjoni, il-QEDB, fakkret fil-kawża Zakharov li "r-referenza għal 'prevedibbiltà' fil-kuntest tal-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet ma tistax tkun l-istess bħal f'ħafna oqsma oħra". Hija speċifikat li fil-kuntest tal-miżuri ta' sorveljanza sigrieta, bħall-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet, "il-prevedibbiltà ma jistax ifisser li xi individwu għandu jitħalla jbassar jekk il-

---

[23] Ara l-§ 175 u l-§ 180 ta' Schrems II u l-Opinjoni 1/15 (il-Ftehim dwar il-PNR bejn l-UE u l-Kanada) tas-26 ta' Lulju 2017, l-§ 139 u l-ġurisprudenza ċitata.

[24] Ara l-§ 68 Privacy International – Għandu jkun ċar ukoll li fil-verżjoni Franċiża tas-sentenza, il-Qorti tuża l-kelma "réglementation" li hija usa' mill-atti tal-Parlament biss.

[25] Ara l-§ 181 ta' Schrems II, f'dan il-paragrafu l-QĠUE tirreferi għad-Direttiva ta' Politika Presidenzjali 28.

[26] Ara l-§ 181 ta' Schrems II.

[27] Ara l-§ 68 ta' Privacy International, b'rabta mal-liġi tal-Istat Membru.

[28] Ara Schrems II, l-§ 175 u l-ġurisprudenza ċitata, kif ukoll Privacy International, l-§ 65.

[29] il-QEDB, Liberty, l-§ 63.

[30] il-QEDB, Weber u Saravia, l-§ 95.

[31] Il-QEDB, Malone, l-§§ 65, 66.

komunikazzjonijiet tiegħu jistgħux jiġu interċettati mill-awtoritajiet, sabiex ikun jista' jirregola l-imġiba tiegħu kif meħtieġ". Madankollu, meta jiġi kkunsidrat li f'din it-tip ta' sitwazzjoni r-riskji ta' arbitrarjetà jkunu evidenti "huwa essenzjali li jkun hemm regoli ċari u dettaljati dwar l-interċettazzjoni ta' konverżazzjonijiet bit-telefown, b'mod speċjali billi t-teknoloġija disponibbli għall-użu qed issir dejjem aktar sofistikata. Il-liġi domestika trid tkun ċara biżżejjed biex tagħti liċ-ċittadini indikazzjoni adegwata dwar iċ-ċirkostanzi li fihom u l-kundizzjonijiet li bihom l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw is-setgħa li jirrikorru għal kwalunkwe miżura bħal din".[32]

## Garanzija B - In-neċessità u l-proporzjonalità fir-rigward tal-għanijiet leġittimi segwiti li għandhom jintwerew

32. F'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti mill-Karta għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet fid-drittijiet u l-libertajiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.[33]

33. Fir-rigward tal-**prinċipju ta' proporzjonalità**, il-Qorti ddeċidiet, fir-rigward tal-liġijiet tal-Istati Membri, li l-kwistjoni dwar jekk limitazzjoni fuq id-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* tistax tkun iġġustifikata trid tiġi vvalutata, min-naħa waħda, bil-kejl tas-**serjetà tal-inġerenza** li tinvolvi tali limitazzjoni[34] u bil-verifika li l-**importanza tal-objettiv ta' interess pubbliku** segwit minn dik il-limitazzjoni hija proporzjonalità għal dik is-serjetà, min-naħa l-oħra.[35]

34. F'La Quadrature du net u oħrajn, jista' jiġi nnutat li l-QĠUE ddeċidiet, fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru u mhux tal-liġi ta' pajjiż terz, li l-għan għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali jkun, minħabba l-importanza tagħha, kapaċi jiġġustifika miżuri li jinvolvu inġerenzi aktar serji fid-drittijiet fundamentali, minn dawk li jistgħu jkunu ġġustifikati minn għanijiet oħra bħall-ġlieda kontra l-kriminalità. Hija sabet madankollu li dan huwa l-każ sakemm ikun hemm raġunijiet sodi biżżejjed biex jiġi kkunsidrat li l-Istat ikkonċernat qed jiġi konfrontat b'theddida serja għas-sigurtà nazzjonali li tidher li hija ġenwina u preżenti jew prevedibbli u suġġetta li tissodisfa r-rekwiżiti l-oħra stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta.[36]

---

[32] Il-QEDB, Zakharov, l-§ 229.

[33] Schrems II, l-§ 174.

[34] F'dan il-kuntest, il-qorti nnutat pereżempju li "l-inġerenza kostitwita mill-ġabra ta' *data* fil-ħin reali li tippermetti li t-tagħmir terminali jkun lokalizzat tidher partikolarment serja, peress li dik id-*data* tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti b'mezzi għall-ittraċċar b'mod preċiż u permanenti l-movimenti tal-utenti tat-telefowns mobbli (...)" (La Quadrature du Net u oħrajn, l-§ 187, inkluża l-ġurisprudenza ċitata).

[35] La Quadrature du Net u oħrajn, l-§ 131.

[36] L-§§ 136 u 137. Ara wkoll Privacy International, kif speċifikat mill-Qorti, tali theddid jista' jkun distint, fin-natura u s-serjetà partikolari tiegħu, mir-riskju ġenerali li jinħolqu tensjonijiet jew disturbi, anke ta' natura serja, li jaffettwaw is-sigurtà pubblika. L-§ 75. Pereżempju, f'La Quadrature du Net u oħrajn, il-Qorti nnutat li l-analiżi awtomatizzata tad-*data* dwar it-traffiku u l-pożizzjoni li tkopri b'mod ġenerali u mingħajr diskriminazzjoni d-*data* ta' persuni li jużaw sistemi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tikkostitwixxi inġerenza partikolarment serja sabiex, tali miżura tkun tista' tissodisfa r-rekwiżit ta' proporzjonalità biss f'sitwazzjonijiet li fihom l-Istat Membru kkonċernat ikun qed jiffaċċja theddida serja għas-sigurtà nazzjonali li tidher li hija ġenwina u preżenti jew

35. F'dan ir-rigward, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, id-derogi għall-protezzjoni tad-*data* personali u l-limitazzjonijiet fuqha, jridu japplikaw biss sa fejn ikun strettament meħtieġ[37]. Sabiex tissodisfa dan ir-rekwiżit, minbarra li tistabbilixxi regoli ċari u preċiżi li jirregolaw il-portata u l-applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni, il-leġiżlazzjoni kkonċernata għandha timponi minimu ta' rekwiżiti, sabiex il-persuni li d-*data* tagħhom tkun ġiet trasferita jkollhom biżżejjed garanziji li jipproteġu b'mod effettiv id-*data* personali tagħhom kontra r-riskju ta' abbuż. "Din għandha tindika f'liema ċirkustanzi u taħt liema kundizzjonijiet tista' tittieħed miżura li tipprevedi l-ipproċessar ta' tali *data*, u b'hekk jiġi ggarantit li l-indħil ikun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju. In-neċessità li jkun hemm tali garanziji hija iktar u iktar importanti meta d-*data* personali tkun suġġetta għal ipproċessar awtomatizzat".[38]

36. F'Schrems II, il-QĠUE enfasizzat li l-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz li ma tindika l-ebda limitazzjoni għall-awtorizzazzjoni mogħtija minnha għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' sorveljanza għall-finijiet ta' intelliġenza barranija ma tistax tiżgura livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak garantit mill-Karta. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, bażi legali li tippermetti inġerenza fid-drittijiet fundamentali trid, sabiex tissodisfa r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tiddefinixxi hija stess il-portata tal-limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-dritt ikkonċernat.[39]

37. Fir-rigward tal-**prinċipju ta' neċessità**, il-QĠUE għamlitha ċara li l-leġiżlazzjonijiet "li jawtorizzaw, fuq bażi ġeneralizzata, il-ħażna tad-*data* personali kollha tal-persuni kollha li d-*data* tagħhom ġiet trasferita mill-Unjoni Ewropea (...) mingħajr ma ssir ebda differenzazzjoni, limitazzjoni jew eċċezzjoni fid-dawl tal-għan segwit u mingħajr ma jkun stabbilit kriterju oġġettiv li bih jiġu ddeterminati l-limiti tal-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-*data* u tal-użu sussegwenti tagħha, għall-finijiet li huma speċifiċi, strettament ristretti u kapaċi li jiġġustifikaw l-inġerenza li jinvolvu l-aċċess għad-*data* kif ukoll l-użu tagħha", ma jikkonformawx ma' dan il-prinċipju[40]. B'mod partikolari, il-liġijiet li jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi li jkollhom aċċess fuq bażi ġeneralizzata għall-kontenut tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jridu jiġu kkunsidrati bħala kompromettenti għall-essenza tad-dritt fundamentali għar-rispett għall-ħajja privata, kif garantit mill-Artikolu 7 tal-Karta.[41]

38. Bl-istess mod, madankollu din id-darba meta tkun qed tiġi vvalutata liġi ta' Stat Membru u mhux liġi ta' pajjiż terz, il-QĠUE ddeċidiet f'La Quadrature du Net u oħrajn, li "leġiżlazzjoni li teħtieġ iż-żamma ta' *data* personali għandha dejjem tissodisfa kriterji oġġettivi li jistabbilixxu konnessjoni bejn id-*data*

---

prevedibbli, u, fost kundizzjonijiet oħra, sakemm it-tul taż-żamma jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ (l-§§ 174-177).

[37] Schrems II, l-§ 176, inkluża l-ġurisprudenza ċitata.

[38] Schrems II, l-§ 175.

[39] Schrems II, l-§ 180.

[40] Schrems I, l-§ 93 b'referenzi ulterjuri. Ara, madankollu din id-darba b'rabta ma' liġi ta' Stat Membru u mhux liġi ta' pajjiż terz, Privacy International, l-§ 71, inkluża l-ġurisprudenza ċitata. F'din il-kawża, il-Qorti ddikjarat li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tirrikjedi li l-fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jiżvelaw id-*data* dwar it-traffiku u d-*data* dwar il-lok lill-aġenziji tas-sigurtà u tal-intelliġenza permezz tat-trażmissjoni ġenerali u indiskriminata, teċċedi l-limiti ta' dak li huwa strettament meħtieġ u ma tistax titqies bħala ġustifikata f'soċjetà demokratika, kif meħtieġ mid-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, li tinqara fid-dawl tal-Karta (l-§ 81).

[41] Schrems I, l-§ 94.

miżmuma u l-għan segwit”[42]. Fl-istess kuntest, fil-Privacy International, hija ddeċidiet ukoll li l-leġiżlatur “irid jiddependi fuq kriterji oġġettivi sabiex jiddefinixxi ċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jingħataw aċċess għad-*data* inkwistjoni”.[43]

## Garanzija C - Mekkaniżmu ta’ sorveljanza indipendenti

39. L-EDPB ifakkar li inġerenza sseħħ fil-ħin tal-ġbir tad-*data*, iżda wkoll fil-ħin li jkun hemm aċċess għad-*data* minn awtorità pubblika għal ipproċessar ulterjuri. Il-QEDB speċifikat bosta drabi li kwalunkwe inġerenza fid-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* għandha tkun soġġetta għal sistema ta’ sorveljanza effettiva, indipendenti u imparzjali li trid tiġi pprovduta jew minn imħallef jew minn korp indipendenti ieħor[44] (eż. awtorità amministrattiva jew korp parlamentari). Is-sorveljanza indipendenti fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ sorveljanza ġiet ukoll ikkunsidrata mill-QĠUE fis-sentenza ta’ Schrems II.[45]

40. Il-QEDB tispeċifika li filwaqt li l-awtorizzazzjoni (ġudizzjarja) minn qabel ta’ miżuri ta’ sorveljanza hija salvagwardja importanti kontra l-arbitrarjetà, trid tingħata attenzjoni wkoll lill-operazzjoni reali tas-sistema ta’ interċettazzjoni, inklużi l-kontrolli u l-bilanċi fuq l-eżerċitar tas-setgħa, u l-eżistenza jew in-nuqqas ta’ abbuż reali[46]. Fil-kawża ta’ Schrems II, il-QĠUE kkunsidrat ukoll il-portata tar-rwol superviżorju tal-mekkaniżmu ta’ sorveljanza, li ma kopriex il-miżuri ta’ sorveljanza individwali.[47]

41. Fir-rigward tal-liġi tal-Istati Membri, il-QĠUE identifikat numru ta’ miżuri li huma biss konformi mal-liġi tal-UE jekk jiġu soġġetti għal rieżami effettiv imwettaq minn qorti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti li d-deċiżjoni tagħha tkun vinkolanti. L-għan ta’ dan ir-rieżami huwa li jiġi vverifikat li teżisti sitwazzjoni li tiġġustifika l-miżura u li jiġu osservati l-kundizzjonijiet u s-salvagwardji li jridu jkunu stabbiliti.[48]. Għall-ġbir fil-ħin reali ta’ *data* dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni, ir-rieżami għandu tippermetti li ssir verifika ex ante, inter alia, dwar jekk huwiex awtorizzat biss fil-limiti ta’ dak li huwa strettament neċessarju. Fil-każijiet ta’ urġenza debitament ġustifikata, il-miżuri jistgħu jseħħu mingħajr

---

[42] La Quadrature du Net u oħrajn, l-§ 133. F’dan il-kuntest, il-Qorti kkonfermat li l-miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, bħala miżura preventiva, iż-żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-*data* dwar it-traffiku u tad-*data* dwar il-lokalizzazzjoni, huma preklużi mid-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, li tinqara fid-dawl tal-Karta. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ddeċidiet li, f’sitwazzjonijiet ta’ theddida serja għas-sigurtà nazzjonali li tintwera li hija ġenwina u preżenti jew prevedibbli, il-leġiżlatur jista’ jippermetti, għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, rikors għal struzzjoni li tirrikjedi li l-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jżommu, b’mod ġeneralizzat u mingħajr distinzjoni, d-*data* dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni. Madankollu, miżura bħal din trid tissodisfa kundizzjonijiet speċifiċi. B’mod partikolari, l-istruzzjoni tista’ tingħata biss għal perjodu li jkun limitat fiż-żmien għal dak li huwa strettament meħtieġ, li jista’ jiġi estiż jekk din it-theddida tippersisti (l-§ 168).

[43] Privacy International, l-§ 78, inkluża l-ġurisprudenza ċitata. F’Privacy International, fir-rigward tal-aċċess ta’ awtorità għal *data* personali prevista taħt liġi ta’ Stat Membru, il-Qorti ddeċidiet li “aċċess ġenerali għad-*data* miżmuma kollha, indipendentement minn kwalunkwe rabta, minn tal-inqas indiretta, mal-għan segwit, ma jistax jitqies li huwa limitat għal dak li jkun strettament neċessarju” (l-§ 77 -78).

[44] Il-QEDB, Klass, l-§§ 17, 51.

[45] Schrems II, l-§§ 179, 183.

[46] Il-QEDB, Big Brother Watch li hija suġġett ta’ appell l-§§ 319-320.

[47] Schrems II, l-§ 179.

[48] QĠUE, La Quadrature du Net u oħrajn, l-§§ 168, 189.

tali rieżami minn qabel; madankollu, il-Qorti għadha tirrikjedi li r-rieżami sussegwenti jseħħ fi żmien qasir.[49]

42. Dwar l-indipendenza ta' mekkaniżmi ta' sorveljanza fir-rigward tas-sorveljanza, jistgħu jiġu kkunsidrati l-kostatazzjonijiet tal-QĠUE dwar l-indipendenza ta' korp fil-kuntest tar-rimedju (ara infra taħt il-garanzija D). Barra minn hekk, il-każistika tal-QEDB tista' toffri elementi addizzjonali. Din il-Qorti esprimiet il-preferenza tagħha li mħallef jkun responsabbli għaż-żamma ta' sorveljanza. Madankollu, mhuwiex eskluż li korp ieħor jista' jkun responsabbli, "sakemm ikun suffiċjentement indipendenti mill-eżekuttiv"[50] u "mill-awtoritajiet li jwettqu s-sorveljanza, u [għandu] setgħat u kompetenza suffiċjenti biex jeżerċita kontroll effettiv u kontinwu".[51]Il-QEDB żiedet li "l-mod tal-ħatra u l-istatus legali tal-membri tal-korp superviżorju"[52] jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta tiġi vvalutata l-indipendenza. Dan jinkludi "persuni kkwalifikati biex jokkupaw kariga ġudizzjarja, maħtura jew mill-parlament jew mill-Prim Ministru. Min-naħa l-oħra, Ministru tal-Affarijiet Interni – li mhux biss kien maħtur b'mod politiku u membru tal-eżekuttiv, iżda kien involut b'mod dirett fil-kummissjonar ta' mezzi speċjali ta' sorveljanza – instab li ma kienx suffiċjentement indipendenti"[53]. Il-QEDB "tinnota wkoll li huwa essenzjali li l-korp superviżorju jkollu aċċess għad-dokumenti rilevanti kollha, inklużi l-materjali magħluqa"[54]. Fl-aħħar nett, il-QEDB tikkunsidra "jekk l-attivitajiet tal-korp superviżorju humiex miftuħa għall-iskrutinju tal-pubbliku".[55]

## Garanzija D - Rimedji effettivi jeħtieġ li jkunu disponibbli għall-individwu

43. L-aħħar Garanzija Essenzjali Ewropea hija relatata mad-drittijiet ta' rimedju tal-individwu. Dan irid ikollu rimedju effettiv biex jissodisfa d-drittijiet tiegħu meta jidhirlu li dawn mhumiex jew ma ġewx rispettati. Il-QĠUE spjegat fi Schrems I li "leġiżlazzjoni li ma tipprevedi ebda possibbiltà li individwu jeżerċita rimedji legali sabiex ikollu aċċess għal *data* personali li tikkonċernah, jew sabiex ikun jista' jirrettifika jew iħassar tali *data*, ma tosservax il-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta. Fil-fatt, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jeżiġi li kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jiġu miksura jkollha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu."[56]

44. Meta tivvaluta liġi ta' Stat Membru li tippermetti l-ġbir fil-ħin reali ta' *data* dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni, il-Qorti kkunsidrat li n-notifika hija meħtieġa "biex tippermetti li l-persuni affettwati jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom taħt l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta biex jitolbu aċċess għad-*data* personali tagħhom li kienet is-suġġett ta' dawk il-miżuri u, fejn xieraq, biex dawn tal-aħħar jiġu rettifikati jew imħassra, kif ukoll biex jagħmlu użu, f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, minn

[49] QĠUE, La Quadrature du Net u oħrajn, l-§ 189.

[50] Il-QEDB, Zakharov, l-§ 258, Iordachi and Others v. Moldova, l-§§ 40 u l-§§ 51 u Dumitru Popescu v. Romania, l-§§ 70-73.

[51] Il-QEDB, Klass l-§ 56 u Big Brother Watch li hija suġġett ta' appell l-§ 318

[52] Il-QEDB, Zakharov, l-§ 278.

[53] Il-QEDB, Zakharov, l-§ 278.

[54] Il-QEDB, Zakharov, l-§ 281.

[55] Il-QEDB, Zakharov, l-§ 283.

[56] Il-QĠUE, Schrems I, l-§ 95.

rimedju effettiv quddiem tribunal"[57]. Madankollu, huwa rikonoxxut ukoll li n-notifika lil persuni li d-*data* tagħhom tkun inġabret jew ġiet analizzata, trid isseħħ biss sal-punt li u hekk kif in-notifika ma tipperikolax aktar il-kompiti li għalihom huma responsabbli dawk l-awtoritajiet.[58]

45. Anke għall-QEBD, il-kwistjoni ta' rimedju effettiv hija marbuta b'mod inseparabbli man-notifika ta' miżura ta' sorveljanza lill-individwu ladarba s-sorveljanza tkun intemmet. B'mod partikolari, il-Qorti sabet li "fil-prinċipju hemm ftit skop għal rikors fil-qrati mill-individwu kkonċernat sakemm dan tal-aħħar ma jiġix avżat bil-miżuri meħuda mingħajr l-għarfien tiegħu u b'hekk ikun jista' jikkontesta l-legalità tagħhom b'mod retrospettiv jew, b'mod alternattiv, sakemm kwalunkwe persuna li tissuspetta li l-komunikazzjonijiet tagħha qed jiġu jew ġew interċettati tista' tapplika fil-qrati, sabiex il-ġurisdizzjoni tal-qrati ma tiddependix fuq in-notifika lis-suġġett tal-interċettazzjoni li kien hemm interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet tiegħu"[59]. Għaldaqstant, il-QEDB irrikonoxxiet li f'xi każijiet jista' ma jkun hemm l-ebda notifika, madankollu jrid jiġi pprovdut rimedju effettiv. F'dan il-każ, din il-Qorti għamlitha ċara, pereżempju fil-każ ta' Kennedy, li qorti toffri possibbiltajiet ta' rimedju suffiċjenti, jekk tissodisfa sensiela ta' kriterji, jiġifieri korp indipendenti u imparzjali, li adotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess, li jikkonsisti minn membri li jrid ikollhom jew kellhom kariga ġudizzjarja għolja jew ikunu avukati ta' esperjenza u li ma hemm l-ebda piż evidenzjali li għandu jingħeleb sabiex tiġi ppreżentata applikazzjoni lilu[60]. Meta twettaq l-eżaminazzjoni tagħha fir-rigward tal-ilmenti minn individwi, il-qorti għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha,[61] inklużi l-materjali magħluqa. Fl-aħħar nett, għandu jkollu s-setgħat għar-rimedju tan-nuqqas ta' konformità.[62]

46. L-Artikolu 47 tal-Karta jirreferi għal tribunal, anke jekk fil-verżjonijiet tal-lingwa għajr l-Ingliż tingħata preferenza l-kelma "qorti",[63] filwaqt li l-KEDB tobbliga biss lill-Istati Membri jiżguraw li "kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali",[64] li mhux neċessarjament jeħtieġ li tkun awtorità ġudizzjarja.[65]

47. Il-QĠUE, fil-kuntest tas-sentenza ta' Schrems II, meta tivvaluta l-adegwatezza tal-livell ta' protezzjoni ta' pajjiż terz, tenniet li "s-suġġetti tad-*data* għandu jkollhom il-possibbiltà li jeżerċitaw rimedji legali quddiem qorti indipendenti u imparzjali sabiex ikollhom aċċess għal *data* personali li tikkonċernahom jew sabiex jiksbu r-rettifika jew it-tħassir ta' tali *data*"[66]. Fl-istess kuntest, il-QĠUE tqis li protezzjoni ġudizzjarja effettiva kontra inġerenzi bħal dawn tista' tiġi żgurata mhux biss minn qorti, iżda wkoll minn

---

[57] Ara l-§ 190 ta' La Quadrature du Net u oħrajn u l-QĠUE, l-Opinjoni 1/15, l-§ 220.

[58] Ara l-§ 191 ta' La Quadrature du Net u oħrajn.

[59] Il-QEDB, Zakharov, l-§ 234.

[60] Il-QEDB, Kennedy, l-§ 190.

[61] L-EDPB jinnota li l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa jikkunsidra li l-hekk imsejħa regola ta' "partijiet terzi" – li taħtha l-aġenziji tal-intelligence f'pajjiż wieħed li jipprovdu *data* lil aġenziji tal-intelligence f'pajjiż ieħor jistgħu jimponu dover fuq l-aġenziji li jirċievu biex ma jiżvelawx id-*data* trasferita lil kwalunkwe parti terza – ma għandhiex tapplika għal korpi ta' sorveljanza sabiex ma tiġix imminata l-possibbiltà ta' rimedju effettiv (Dokument dwar Kwistjonijiet fuq is-Sorveljanza demokratika u effettiva tas-servizzi tas-sigurtà nazzjonali).

[62] Il-QEDB, Kennedy l-§ 167.

[63] Il-kelma tribunal hija pereżempju tradotta għal "Gericht" bil-Ġermaniż u "gerecht" bl-Olandiż.

[64] L-Artikolu 13 tal-KEDB.

[65] Il-QEDB, Klass l-§ 67.

[66] Ara l-§ 194 ta' Schrems II.

korp[67] li joffri garanziji essenzjalment ekwivalenti għal dawk meħtieġa mill-Artikolu 47 tal-Karta. Fid-deċiżjoni tagħha ta' Schrems II, il-QĠUE enfasizzat kemm li l-indipendenza tal-qorti jew tal-korp trid tiġi żgurata, speċjalment mill-eżekuttiv, bil-garanziji kollha meħtieġa, inkluż fir-rigward tal-kundizzjonijiet tagħhom ta' tkeċċija jew revoka tal-ħatra,[68] kif ukoll li s-setgħat li għandhom jingħataw lil qorti għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 47 tal-Karta. F'dan ir-rigward, il-korp[69] għandu jingħata s-setgħa li jadotta d-deċiżjonijiet li jorbtu lis-servizzi tal-intelligence, f'konformità ma' salvagwardji legali li fuqhom jistgħu jiddependu s-suġġetti tad-*data*.[70]

# 4. RIMARKI FINALI

48. L-erba' Garanziji Essenzjali Ewropej għandhom jitqiesu bħala elementi ewlenin li għandhom jinstabu meta qed jiġi vvalutat il-livell ta' inġerenza fid-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*. Dawn ma għandhomx jiġu vvalutati b'mod indipendenti, minħabba li huma interkonnessi mill-qrib, iżda fuq bażi ġenerali, fejn tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni rilevanti fir-rigward tal-miżuri ta' sorveljanza, il-livell minimu ta' salvagwardji għall-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u r-rimedji previsti taħt il-liġi nazzjonali tal-pajjiż terz.

49. Dawn il-garanziji jeħtieġu ċertu grad ta' interpretazzjoni, b'mod speċjali peress li l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz ma għandhiex għalfejn tkun identika għall-qafas legali tal-UE.

50. Kif iddikjarat il-QEDB f'Kennedy, "valutazzjoni tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, bħan-natura, il-portata u t-tul tal-miżuri possibbli, ir-raġunijiet meħtieġa biex jiġu ordnati, l-awtoritajiet kompetenti biex jawtorizzawhom, iwettquhom u jissorveljawhom, u t-tip ta' rimedju previst mil-liġi nazzjonali".[71]

51. Konsegwentement, il-valutazzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza ta' pajjiż terz fir-rigward tal-EEG tista' twassal għal żewġ konklużjonijiet:

- Il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernata ma tiżgurax ir-rekwiżiti tal-EEG: f'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz ma toffrix livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak garantit fl-UE.

- Il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernata tissodisfa l-EEG.

52. Meta tkun qed tivvaluta l-adegwatezza tal-livell ta' protezzjoni, skont l-Artikolu 45 tal-GDPR, il-Kummissjoni jkollha tevalwa jekk l-EEG jiġux sodisfatti bħala parti mill-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati biex jiggarantixxu li l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz b'mod ġenerali toffri livell ta' protezzjoni. essenzjalment ekwivalenti għal dak garantit fl-UE.

[67] Ara l-§ 197 ta' Schrems II li fiha l-Qorti espressament tuża din il-kelma.
[68] Ara l-§ 195 ta' Schrems II.
[69] Ara l-§ 197 ta' Schrems II li fiha l-Qorti espressament tuża din il-kelma.
[70] Ara l-§ 196 ta' Schrems II.
[71] Il-QEDB, Kennedy l-§ 153.

53. Meta l-esportaturi tad-*data* jiddependu, flimkien mal-importaturi tad-*data*, fuq salvagwardji xierqa skont l-Artikolu 46 tal-GDPR, minħabba r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz speċifikament applikabbli għad-*data* trasferita, huma jkollhom bżonn jiżguraw li effettivament jinkiseb livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni. B'mod partikolari, fejn il-liġi tal-pajjiż terz ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-EEG, dan jimplika li biex jiġi żgurat li l-liġi involuta ma taffettwax il-garanziji u s-salvagwardji madwar it-trasferiment, jiġi pprovdut livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak garantit fl-UE.

54. L-EDPB ħareġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet oħra li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex tipproċedi l-valutazzjoni, skont l-għodda ta' trasferiment li għandha tintuża u fuq il-ħtieġa li jiġu pprovduti salvagwardji xierqa, inklużi skont il-każ, miżuri supplimentari.[72]

55. Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li l-Garanziji Essenzjali Ewropej huma bbażati fuq dak li huwa meħtieġ mil-liġi. L-EDPB jenfasizza li l-Garanziji Essenzjali Ewropej huma bbażati fuq id-drittijiet fundamentali li japplikaw għal kulħadd, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom.

56. L-EDPB itenni li l-Garanziji Essenzjali Ewropej huma standard referenzjali meta tkun qed tiġi vvalutata l-inġerenza, ikkawżata minn miżuri ta' sorveljanza ta' pajjiżi terzi, fil-kuntest ta' trasferimenti tad-*data* internazzjonali. Dawn l-istandards joħorġu mil-liġi tal-UE u l-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB, li hija vinkolanti fuq l-Istati Membri.

[72] L-Adegwatezza Referenzjali WP 254 rev.01, Riveduta u Adottata fis-6 ta'Frar 2018; Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB 01/2020 dwar miżuri li jissupplimentaw l-għodod ta' trasferiment biex jiżguraw konformità mal-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali tal-UE, l-10 ta' Novembru 2020.